# BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI SAN ĠORĠ MARTRI



**L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200** | **t:** 2155 6377 | **e:** info@stgeorge.org.mt | **L-Arċipriet • m:** 7920 4434 | **e:** archprieststgeorge@gmail.com
**w:** www.stgeorge.org.mt | **fb:** www.facebook.com/stgeorge.org.mt | **live streaming:** www.youtube.com/StGeorgesBasilica | **RADJU** *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | **t:** 2156 5207


# JIEM QADDISA

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Il-ġranet li ġejjin huma jiem qaddisa. Nagħmel appell biex ma ngħixuhomx bħala sempliċi tradizzjoni jew delizzju. M'hemmx Ġimgħa Mqaddsa mingħajr il-ħin għat-talb u għas-sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jissarrfu f'karità.

## ILBSU LIL KRISTU U MHUX TA' KRISTU

San Pawl iħeġġiġna biex nilbsu lil Kristu, jiġifieri nnisslu fina s-sentimenti li għandu Kristu. Kristu mhux kostum, jew tradizzjoni li rridu nżommu ħajja. Kristu hu l-Ħaj, u kull xorta ta' attività, jekk ma tkabbarx il-fidi, hi biss travestiment għall-gost u l-glorja tagħna nfusna. Għalhekk kemm hu sabiħ inkomplu naħdmu biex il-Ġimgħa Mqaddsa tkun tassew qaddisa, u tant attivitajiet u tradizzjonijiet sbieħ jalla jwassluna biex inħallu 'l Alla jħabbibna miegħu.



## JUM ID-DULURI

*"Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha!"*. Għeżież, nixtieq li l-familji kollha tal-Belt tagħna jingħaqdu f'talba ħerqana wara dik l-Omm li mxiet it-Triq tas-Salib wara Binha. Nhar il-Ġimgħa 12 ta' April ninġabru lkoll bi ħġarna fi Pjazza Indipendenza għall-Konċelebrazzjoni solenni mill-Isqof u wara l-pellegrinaġġ penitenzjali fit-toroq ta' beltna.

## ĦADD IL-PALM

Nhar il-Ħadd 14 ta' April il-Knisja tiftaħ **l-ikbar ġimgħa** tagħha. Hu l-jum li fih infakkru d-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Nistedinkom tiġu kollha bi ħġarkom għat-Tberik solenni tal-palm u ż-żebbuġ fl-10.30am fuq San Ġakbu u l-quddiesa fil-11.00am. Din il-purċissjoni li nagħmlu hi waħda mill-ftit purċissjonijiet li Ġesù stess insibu li għamilhom fil-Vanġelu.

2 FOUR 3

Matul iż-żewġ *weekends* li ġejjin nitolbu għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna li se jkunu miġbura għal ftit mumenti ta' rtir f'dan ir-Randan. Ilkoll nafu kemm hu diffiċli tħalli ħin għal Alla fiż-żmien tal-lum. Nitolbu għalihom biex jiskopru l-ferħ tal-Vanġelu, kif ukoll nitolbu għal-*leaders* tagħhom biex ikomplu jikbru huma wkoll fl-iskoperta ta' dan it-teżor kbir: Ġesù Kristu.



## VIA SAGRA TA' GHAMMAR

Nhar il-Ħadd 7 ta' April fl-4.30pm inħeġġukom tiġu għall-Via Sagra fuq l-Għolja ta' Għammar. Importanti li tal-inqas darba matul ir-Randan inżuru dan il-post għażiż u nitolbu t-talba tal-Via Sagra. Se nipprovdu trasport għal min jixtieq. Inkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali sal-Ġimgħa 5 ta' April.



## SEJHA GHALL-FOTOGRAFI

Dawk il-fotografi interessati li jieħdu r-ritratti u/jew vidjo waqt il-funzjonijiet tal-Griżma (il-Ħadd 19 ta' Mejju) u l-Preċett (is-Sibt 25 ta' Mejju) u fil-Bażilika ta' San Ġorġ mitluba jiġbru l-*Kriterji tal-Għażla* sa mhux iktar tard mill-Ħadd 14 ta' April mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 07-04-2019 | John Bosco u l-Familja Mizzi-Galea |
| 08-04-2019 | Ġorġ u Teddy Xerri |
| 09-04-2019 | Carmelo Galea |
| 10-04-2019 | Ġużeppi u Vinċenza Zammit |
| 11-04-2019 | Nikol Attard |
| 12-04-2019 | Ġanni u Carmena Attard |
| 13-04-2019 | Michael u Ġorġ Sacco |

**AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM**